IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 10.4.2019
COM(2019) 195 final

ANNEX 3

ANNESS

għall-

KOMUNIKAZZJONI MILL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW, LILL-KUNSILL EWROPEW, LILL-KUNSILL, LILL-BANK ĊENTRALI EWROPEW, LILL-KUMITAT EKONOMIKU U SOĊJALI EWROPEW, LILL-KUMITAT TAR-REĠJUNI U L-BANK EWROPEW TAL-INVESTIMENT

Li tindirizza l-impatt tal-ħruġ tar-Renju Unit mill-Unjoni mingħajr ftehim: l-approċċ ikkoordinat tal-Unjoni

Kooperazzjoni tal-pulizija u dik ġudizzjarja f'materji kriminali: Approċċ ikkoordinat f'każ ta' ħruġ tar-Renju Unit mill-Unjoni mingħajr ftehim

1. INTRODUZZJONI

Fid-29 ta' Marzu 2017, ir-Renju Unit innotifika l-intenzjoni tiegħu li joħroġ mill-Unjoni. Il-Kummissjoni tkompli tqis li ħruġ ordnat tar-Renju Unit mill-Unjoni fuq il-bażi tal-Ftehim dwar il-Ħruġ, li qabel miegħu il-Gvern tar-Renju Unit u li l-Kunsill Ewropew (l-Artikolu 50) approvah fil-25 ta' Novembru 2018, huwa l-aqwa eżitu. Il-Kummissjoni tkompli tiffoka l-isforzi tagħha fuq dak l-għan. Madankollu, jumejn qabel l-iskadenza tat-12 ta' April 2019, kif estiża mill-Kunsill Ewropew[1], il-probabbiltà ta' ħruġ diżordinat tar-Renju Unit mill-Unjoni żdiedet b'mod sinifikanti.

2. QAFAS TA' KONTINĠENZA: RIŻERVI EŻISTENTI

F'xenarju fejn ma jsir l-ebda ftehim, il-qafas legali tal-Unjoni dwar il-kooperazzjoni tal-pulizija u dik ġudizzjarja mhux se jibqa' japplika għar-Renju Unit mid-data tal-ħruġ. Dan ifisser li l-istrumenti legali tal-UE ma jistgħux jibqgħu jintużaw bħala bażi għall-proċeduri ta' kooperazzjoni jew mekkaniżmi ta' skambju ta' informazzjoni fir-rigward tar-Renju Unit. Dan jimplika b'mod partikulari li:

- r-Renju Unit se jiġi skonness min-netwerks, is-sistemi ta' informazzjoni u l-bażijiet ta' *data* kollha tal-UE[2];
- il-proċeduri ta' kooperazzjoni ġudizzjarja[3] mar-Renju Unit mhux se jibqgħu jiġu segwiti f'qafas tal-UE;
- ir-Renju Unit mhux se jkun jista' jibqa' jipparteċipa fl-Aġenziji tal-UE[4] u se jiġi ttrattat bħala pajjiż terz mingħajr ebda ftehim speċifiku fis-seħħ.

Filwaqt li l-ħruġ se jinvolvi bidla sinifikanti fil-mod kif l-Istati Membri tal-UE27 bħalissa jikkooperaw mar-Renju Unit, dan ma jfissirx li l-kooperazzjoni tal-pulizija u dik ġudizzjarja mar-Renju Unit ma tistax tkompli. Il-kooperazzjoni bejn l-Istati Membri tal-UE27 u r-Renju Unit dwar kwistjonijiet tal-pulizija u dawk ġudizzjarji se jkollha tkun ibbażata fuq oqfsa legali u mekkaniżmi ta' kooperazzjoni alternattivi, ibbażati fuq il-liġi internazzjonali u l-liġi nazzjonali.

Sabiex jiġi garantit livell għoli ta' sigurtà għaċ-ċittadini kollha, l-ippjanar ta' kontinġenza tal-UE għalhekk iffoka fuq l-identifikazzjoni ta' mekkaniżmi ta' riżerva affidabbli[5], it-tħejjija biex wieħed jerġa' lura għal oqfsa legali u mekkaniżmi ta' kooperazzjoni alternattivi, u biex isiru t-tħejjijiet operazzjonali meħtieġa fil-livell nazzjonali. Filwaqt li l-kooperazzjoni bejn l-Istati Membri tal-UE27 u r-Renju Unit se tkun differenti, l-għan tal-kontinġenza huwa li jiġi żgurat li l-infurzar tal-liġi u l-kooperazzjoni ġudizzjarja

---

1 Id-Deċiżjoni tal-Kunsill Ewropew 2019/476 meħuda bi qbil mar-Renju Unit, tat-22 ta' Marzu 2019, li testendi l-perjodu skont l-Artikolu 50(3) tat-TUE, ĠU L 80I, 22.3.2019, p. 1.

2 Bħas-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen (SIS-II), is-Sistema ta' Informazzjoni tal-Europol (EIS), l-EURODAC, l-ECRIS.

3 Bħall-Mandat ta' Arrest Ewropew.

4 Bħall-Europol, l-Eurojust u l-eu-LISA.

5 Għal ħarsa ġenerali tal-mekkaniżmi ta' riżerva identifikati, ara l-Anness I.

jkunu jistgħu jkomplu mar-Renju Unit bħala pajjiż terz, b'rispett sħiħ tad-dritt tal-Unjoni u mingħajr xi tfixkil kbir.

Barra minn hekk, il-ħruġ tar-Renju Unit mhux se jbiddel il-kooperazzjoni tal-pulizija u dik ġudizzjarja bejn is-27 Stat Membru li jifdal[6]. L-Unjoni se tkompli tibni Unjoni tas-Sigurtà effettiva u ġenwina, fejn il-membri kollha jikkooperaw mill-qrib. L-Unjoni għandha strumenti b'saħħithom li jippermettu lill-awtoritajiet nazzjonali jiskambjaw informazzjoni u jikkondividu l-intelliġenza, jidentifikaw suspettati u jfittxu u jikkastigawhom permezz tas-sistema tal-ġustizzja kriminali, jipproteġu lill-Ewropej onlajn u jimmaniġġjaw b'mod effettiv il-fruntieri tagħha. Bl-istess mod, l-Istati Membri tal-UE27 se jkomplu jikkooperaw mill-qrib u jiskambjaw informazzjoni permezz tal-Europol fil-ġlieda kontra t-terroriżmu, iċ-ċiberkriminalità u forom oħra ta' kriminalità serji u organizzati. Barra minn hekk, l-implimentazzjoni futura ta' teknoloġiji tal-ġestjoni tal-fruntieri, bħas-Sistema ta' Dħul u Ħruġ u s-Sistema Ewropea ta' Informazzjoni u ta' Awtorizzazzjoni għall-Ivvjaġġar se jikkontribwixxu wkoll għal livell għoli ta' sigurtà fiż-Żona Schengen kollha. Iż-żieda fl-interoperabilità tas-sistemi kollha se tipprovdi lill-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi b'informazzjoni aktar affidabbli u kompleta. L-Istati Membri tal-UE27 se jibbenefikaw ukoll mix-xibka ta' ftehimiet internazzjonali li għandha l-Unjoni.

Dan il-qafas għall-kooperazzjoni tal-pulizija u dik ġudizzjarja f'materji kriminali se jkompli jiggarantixxi livell għoli ta' sigurtà għan-nies li jgħixu, jaħdmu jew jivvjaġġaw lejn l-UE.

Ir-Renju Unit u l-Istati Membri tal-UE27 huma konxji li r-ritorn għal mekkaniżmi ta' kooperazzjoni alternattivi se jirrikjedi adattamenti u bidliet fil-livell operattiv. Il-livell ta' adattament jiddependi fuq proċeduri, strutturi, għodod, persunal u riżorsi oħra nazzjonali eżistenti u għalhekk huwa, f'idejn kull Stat Membru, li jivvaluta. Il-Kummissjoni ħadmet mal-Istati Membri kollha biex tiżgura azzjoni ta' kontinġenza xierqa sabiex tkun lesta fil-ħin għal kwalunkwe xenarju.

3. PREPARAZZJONIJIET U GWIDA SPEĊIFIĊI LILL-ISTATI MEMBRI

Nuqqas ta' konnessjoni tar-Renju Unit min-netwerks tal-UE, is-sistemi ta' informazzjoni u l-bażijiet ta' data

L-aċċess tal-awtoritajiet tar-Renju Unit għal netwerks tal-UE, sistemi ta' informazzjoni u bażijiet tad-*data* se jieqaf fid-data tal-ħruġ. Għal sistemi ċentralizzati (inklużi, iżda mhux limitati għas-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen/SIRENE, is-Sistema ta' Informazzjoni tal-Europol, il-Eurodac), l-iskonnettjar se jitħejja u jitwettaq mill-aġenziji rilevanti tal-UE, fejn meħtieġ f'kooperazzjoni mill-qrib mal-Istati Membri. Il-Kummissjoni qiegħda f'kuntatt kostanti u mill-qrib mal-aġenziji u ttieħdu l-passi preparatorji kollha biex jiġi żgurat il-qtugħ tal-konnessjoni fil-jum tal-ħruġ. Għal sistemi deċentralizzati, l-Istati Membri ġew mgħarrfa kemm dwar il-ħtieġa li tittieħed azzjoni kif ukoll dwar il-passi li għandhom jittieħdu. Għaldaqstant, it-traffiku kollu permezz tal-konnessjonijiet TESTA (Eurodomain) fir-Renju Unit, awtomatikament, ma jitkompliex

[6] Il-Pajjiżi Assoċjati ta' Schengen, jiġifieri l-Iżlanda, il-Liechtenstein, in-Norveġja u l-Iżvizzera, huma wkoll marbuta minn ċerti strumenti tal-acquis tal-pulizija u tal-kooperazzjoni ġudizzjarja, sa fejn dawn l-istrumenti huma parti mill-acquis ta' Schengen. Għalhekk, għall-fini ta' din in-nota t-terminu "Stati Membri tal-UE 27" għandu jinftiehem li jinkludi wkoll il-Pajjiżi Assoċjati ta' Schengen, fir-rigward tal-istrumenti li huma vinkolanti għalihom.

mid-data tal-ħruġ fil-każ li ma jkunx hemm ftehim. Sakemm il-Kunsill Ewropew ma jiddeċidix, bi qbil mar-Renju Unit, li jestendi l-perjodu previst fl-Artikolu 50 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, din il-miżura se tiġi implimentata fit-13 ta' April 2019.

Ħażna ta' data f'netwerks tal-UE, sistemi ta' informazzjoni u bażijiet ta' data

L-istokk ta' *data* fis-sistemi, jiġifieri jew *data* tal-UE fir-Renju Unit jew *data* riċevuta mir-Renju Unit qabel id-data tal-ħruġ, u l-azzjonijiet li għandhom jittieħdu ġew diskussi mal-esperti tal-Istati Membri, filwaqt li jitqiesu l-ispeċifiċitajiet tas-sistemi differenti.

B'mod ġenerali, fir-rigward tad-*data* tar-Renju Unit f'sistemi ta' informazzjoni nazzjonali jew tal-UE skambjati qabel id-data tal-ħruġ, m'hemm l-ebda obbligu ġenerali li titħassar tali *data* miksuba legalment minn sistemi tal-UE jew nazzjonali, ħlief f'żewġ każijiet: (i) Fejn ir-Renju Unit jibqa' s-sid tad-*data*, ir-Renju Unit jista' jitlob it-tneħħija tiegħu; (ii) fil-każ ta' *data* personali, fejn ikun irid jiġi determinat fuq bażi ta' każ b'każ, skont ir-regoli applikabbli, bħar-Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-*Data*[7] u d-Direttiva dwar l-Infurzar tal-Liġi[8], sa liema punt l-ipproċessar għadu permess. F'xi każijiet, se jkun hemm obbligu li titħassar tali *data*, b'mod partikolari t-twissijiet tas-SIS tar-Renju Unit, li jiskadu malajr u għalhekk ma jistgħux iservu bħala bażi għat-teħid ta' miżuri koerċittivi dwar persuni kif ukoll *data* mir-Renju Unit fil-Eurodac. L-aġir fuq twissijiet skaduti jista' joħloq riskju serju għall-protezzjoni tad-drittijiet fundamentali (pereżempju l-arrest ta' persuna li sadattant ġiet illiberata).

Tranżizzjoni mis-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen għall-Interpol għall-iskambju ta' informazzjoni dwar l-infurzar tal-liġi bejn l-Istati Membri tal-UE27 u r-Renju Unit

Is-sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen II (SIS) tippermetti lill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti, bħall-pulizija u l-gwardji tal-fruntiera, jaqsmu l-informazzjoni għall-ġestjoni tal-fruntieri u s-sigurtà fl-istati tal-UE u ta' Schengen. Ir-Renju Unit se jiġi skonnettjat mis-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen (SIS) u mill-kooperazzjoni SIRENE fid-data tal-ħruġ. L-Interpol u s-sistema ta' avviżi tagħha ġew identifikati kemm mill-Istati Membri tal-UE27 kif ukoll mir-Renju Unit bħala rimedju xieraq flok is-SIS għal aktar skambju ta' informazzjoni dwar l-infurzar tal-liġi bejn l-Istati Membri tal-UE27 u r-Renju Unit. Kemm l-UE27 kif ukoll ir-Renju Unit qed iħejju — separatament iżda fl-istess linji — għat-tranżizzjoni għal avviżi u diffużjonijiet ekwivalenti tal-Interpol għall-informazzjoni li bħalissa hija kondiviża permezz tas-SIS[9]. L-użu xieraq tal-kanali tal-Interpol se jiżgura, skont is-Segretarju tal-Intern tar-Renju Unit, li "r-Renju Unit jista'

---

[7] Ir-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' April 2016 dwar il-protezzjoni tal-persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' *data* personali u dwar il-moviment liberu ta' tali *data*, u li jħassar id-Direttiva 95/46/KE (Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-*Data*) (Test b'rilevanza għaż-ŻEE), ĠU L 119, 4.5.2016, p. 1.

[8] Id-Direttiva (UE) 2016/680 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' April 2016 dwar il-protezzjoni ta' persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' *data* personali mill-awtoritajiet kompetenti għall-finijiet ta' prevenzjoni, investigazzjoni, sejbien jew prosekuzzjoni ta' reati kriminali jew l-eżekuzzjoni ta' pieni kriminali, u dwar il-moviment liberu ta' tali *data*, u li jħassar Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2008/977/ĠAI, ĠU L 119, 4.5.2016, p. 89.

[9] L-avviżi huma talbiet internazzjonali għal kooperazzjoni jew twissijiet li jippermettu lill-pulizija taqsam b'mod ċentrali informazzjoni kritika relatata mal-kriminalità mal-pajjiżi membri l-oħra kollha tal-Interpol. Id-diffużjonijiet huma strumenti inqas formali li jippermettu lill-pajjiżi membri tal-Interpol li jitolbu direttament il-kooperazzjoni mill-pajjiżi membri kollha jew xi wħud minnhom.

jkompli jwieġeb għal twissijiet operazzjonali importanti mqajma mill-Istati Membri"[10]. Barra minn hekk, l-Istati Membri qed iħejju għal bidla minn uffiċċji SIRENE nazzjonali, jiġifieri punti ta' kuntatt għal skambju ta' informazzjoni u koordinazzjoni relatati ma' twissijiet tas-SIS, għan-Netwerk ta' komunikazzjonijiet tal-pulizija globali I-24/7 tal-Interpol għall-iskambji tagħhom mar-Renju Unit.

Il-Komunikazzjoni tal-pulizija permezz tal-Interpol hija integrata sew fl-Istati Membri kollha tal-UE27 u fir-Renju Unit. F'dawn l-aħħar xhur, f'kooperazzjoni mal-Kummissjoni, l-Istati Membri tal-UE27 għamlu tħejjijiet biex jiżguraw li l-livelli operattivi tagħhom ikunu lesti li jerġgħu lura għal użu akbar tal-kanali tal-Interpol sabiex tiġi żgurata l-kooperazzjoni tal-pulizija mar-Renju Unit. L-Istati Membri eżaminaw u adattaw il-proċeduri operazzjonali domestiċi tagħhom, il-livelli tal-persunal, it-taħriġ u l-għodod tal-IT bil-ħsieb li jimmassimizzaw l-effettività u l-aċċessibbiltà tal-avviżi tal-Interpol minn aġenti tal-infurzar tal-liġi fuq il-post.

Kooperazzjoni bejn ir-Renju Unit u l-Aġenziji tal-UE, inklużi l-Europol[11], l-Eurojust[12] u l-eu-LISA[13]

Fir-rigward tal-aġenziji, inklużi l-Europol, l-Eurojust u l-eu-LISA, ir-Renju Unit mhux se jkun jista' jibqa' jipparteċipa u se jkollu jiġi ttrattat bħala pajjiż terz mingħajr ebda ftehim ta' kooperazzjoni speċifiku fis-seħħ. Għall-Europol u l-Eurojust ir-regoli għall-kooperazzjoni ma' pajjiżi terzi se japplikaw għar-Renju Unit, inkluż fir-rigward tal-użu tad-*data*. L-Europol u r-Renju Unit jistgħu jiskambjaw *data* strateġika[14], u l-istess japplika għall-Eurojust. Ir-Renju Unit se jkun jista' jaqsam id-*data* personali mal-Europol skont il-kundizzjonijiet tal-liġi nazzjonali tiegħu. L-Europol tista' tagħmel użu mir-raġunijiet stabbiliti fir-Regolament tat-twaqqif tagħha, li jippermettu t-trasferiment ta' *data* personali lil pajjiżi terzi li magħhom ma hemm l-ebda ftehim ta' kooperazzjoni[15]. L-Europol u l-Eurojust ħadu passi ta' tħejjija u se jkunu f'pożizzjoni li jistabbilixxu l-proċeduri xierqa meta jkun meħtieġ.

---

[10] Ittra tal-15 ta' Frar 2019 mis-Segretarju Intern tar-Renju Unit, Rt Onor Sajid Javid MP, lill-Ministri tal-Intern u l-Ġustizzja tal-Istati Membri tal-UE27.

[11] Ir-Regolament (UE) 2016/794 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Mejju 2016 dwar l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Kooperazzjoni fl-Infurzar tal-Liġi (Europol) u li jissostitwixxi u jħassar id-Deċiżjonijiet tal-Kunsill 2009/371/ĠAI, 2009/934/ĠAI, 2009/935/ĠAI, 2009/936/ĠAI u 2009/968/ĠAI, ĠU L 135, 24.5.2016, p. 53.

[12] Ir-Regolament (UE) 2018/1727 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Novembru 2018 dwar l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Kooperazzjoni fil-Ġustizzja Kriminali (Eurojust), u li jissostitwixxi u jirrevoka d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2002/187/ĠAI, ĠU L 295, 21.11.2018, p. 138.

[13] Ir-Regolament (UE) 2018/1726 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Novembru 2018 dwar l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Ġestjoni Operattiva ta' Sistemi tal-IT fuq Skala Kbira fiż-Żona ta' Libertà, Sigurtà u Ġustizzja (eu-LISA), u li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1987/2006 u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2007/533/ĠAI u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 1077/2011, ĠU L 295, 21.11.2018, p. 99.

[14] Ara r-Regolament (UE) 2016/794 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Mejju 2016 dwar l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Kooperazzjoni fl-Infurzar tal-Liġi (Europol) u li jissostitwixxi u jħassar id-Deċiżjonijiet tal-Kunsill 2009/371/ĠAI, 2009/934/ĠAI, 2009/935/ĠAI, 2009/936/ĠAI u 2009/968/ĠAI, ĠU L 135, 24.5.2016, p. 53.

[15] F'każijiet iddeterminati sew u soġġetti għal kundizzjonijiet u salvagwardji applikabbli, ir-regolament fundatur tal-Europol jippermetti t-trasferimenti ta' *data* personali fuq bażi ta' każ b'każ lil pajjiżi terzi li magħhom m'hemmx ftehim ta' kooperazzjoni. Ir-regolament tal-fundaturi jippermetti wkoll sett ta' trasferimenti fuq bażi temporanja, sakemm jintlaħqu l-kundizzjonijiet u s-salvagwardji applikabbli, li jinkludu l-ftehim tal-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-*Data*.

It-trattament ta' kawżi pendenti — kooperazzjoni ġudizzjarja fi kwistjonijiet kriminali

F'każ ta' ebda ftehim, il-liġi tal-Unjoni ma tibqax tapplika għall-każijiet kollha fil-qasam tal-kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji kriminali li jistgħu jkunu pendenti f'relazzjonijiet mar-Renju Unit.

Għalhekk, f'każ ta' ebda ftehim, sa mid-data tal-ħruġ, l-Istati Membri tal-UE27 (a) ma jistgħux jipproċedu għal proċeduri ulterjuri ta' kooperazzjoni ġudizzjarja li jinvolvu r-Renju Unit u (b) ma jistgħux joħorġu proċeduri ta' kooperazzjoni ġudizzjarja ġodda bħal dawn li jinvolvu lir-Renju Unit fuq il-bażi tal-liġi tal-Unjoni.

Jekk dawn il-każijiet pendenti humiex se jitwaqqfu jew le mhijiex kwistjoni tal-liġi tal-Unjoni. Jiddependi fuq l-ordni legali interna ta' kull wieħed mis-27 Stat Membru tal-UE, il-liġijiet nazzjonali tagħhom dwar il-kooperazzjoni ma' pajjiżi terzi jew ftehimiet internazzjonali vinkolanti.

Fejn il-kontinwazzjoni skont il-liġi nazzjonali jew xi konvenzjoni internazzjonali rilevanti hija possibbli, id-dritt tal-Unjoni ma jżommx lill-Istati Membri milli jissottomettu talba addizzjonali skont il-liġi nazzjonali/konvenzjoni internazzjonali rilevanti qabel id-data tal-ħruġ. Madankollu, talbiet bħal dawn jeħtieġu li jkunu kondizzjonali fuq il-ħruġ mingħajr ftehim tar-Renju Unit u jitwettqu biss mid-data tal-ħruġ.

Għal dawn il-każijiet pendenti, l-istrumenti rilevanti ta' riżerva internazzjonali (pereżempju l-Konvenzjonijiet tal-Kunsill tal-Ewropa) u l-miżuri nazzjonali rilevanti ġew identifikati u diskussi matul seminars tekniċi speċifiċi. L-Istati Membri ħadu l-miżuri meħtieġa ta' tħejjija sabiex jimmitigaw kwalunkwe impatt negattiv possibbli fuq is-sigurtà pubblika li jista' jkollu ħruġ mingħajr ftehim fir-rigward ta' każijiet pendenti bħal dawn.

L-Istati Membri ġew mistiedna wkoll jeżaminaw, bħala parti mill-ippjanar ta' kontinġenza tagħhom, jekk xi Konvenzjonijiet u protokolli tal-Kunsill tal-Ewropa għandhomx jiġu ratifikati sabiex jippermettu kooperazzjoni aktar effettiva mar-Renju Unit. Il-ftehimiet bilaterali li setgħu jeżistu bejn l-Istati Membri u r-Renju Unit qabel ma ġew adottati l-istrumenti tal-UE ma jerġgħux jieħdu l-ħajja.

Il-kuntatti bilaterali bejn l-awtoritajiet rilevanti tal-Istati Membri tal-UE27 u r-Renju Unit, għal skopijiet strettament operattivi fir-rigward ta' kawżi pendenti speċifiċi jistgħu jkunu xierqa sabiex jiġi żgurat li t-tranżizzjoni mill-kooperazzjoni tal-UE għal kooperazzjoni fuq il-bażi tal-liġi nazzjonali jew internazzjonali fil-kooperazzjoni attwali tal-pulizija u dik ġudizzjarja tkun kemm jista' jkun bla xkiel fil-perjodu immedjatament wara l-ħruġ u tkun mingħajr preġudizzju għar-relazzjonijiet futuri.

Id-drittijiet tal-persuni suspettati jew akkużati se jkunu ggarantiti taħt l-istrumenti rilevanti tal-Kunsill tal-Ewropa u l-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem, li r-Renju Unit huwa parti minnhom. Barra minn hekk, fir-rigward tal-vittmi tal-kriminalità, huma se jiddependu fuq il-liġi u l-prattika nazzjonali tar-Renju Unit għall-ħarsien tad-drittijiet tagħhom. Ir-Renju Unit diġà jipprovdi sett ta' drittijiet tal-vittmi — li jinkorpora r-regoli tal-UE.

4. INFORMAZZJONI ADDIZZJONALI

L-awtoritajiet pubbliċi u l-partijiet ikkonċernati jistgħu jsibu aktar informazzjoni dwar l-impatt tal-ħruġ diżordinat tar-Renju Unit fuq il-kooperazzjoni tal-pulizija u ġudizzjarja f'materji kriminali fuq il-websajt li ġejja tal-Kummissjoni:

https://ec.europa.eu/info/brexit/brexit-preparedness/preparedness-notices_mt

MEHMUŻ: Strumenti ta' riżerva identifikati mill-Kummissjoni[16]

L-istrument tal-UE	**Riżerva**
Is-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen (SIS)[17] Talba ta' Informazzjoni Supplimentari fil-kanal tad-Dħul Nazzjonali (uffiċċji SIRENE)	Bażijiet tad-*data* tal-Interpol (dokumenti, vetturi) u avviżi (persuni) Kanal tal-Interpol, kanali bilaterali eżistenti
L-Europol[18]	L-Interpol, kanali bilaterali, possibbiltajiet ta' skambju ta' *data* permezz ta' derogi bbażati fuq l-Artikolu 25 tar-Regolament tal-Europol (UE) 2016/794
Prüm[19]	Ir-Renju Unit mhux konness
Inizjattiva Svediża[20] (qafas ġenerali għall-kondiviżjoni ta' informazzjoni dwar l-infurzar tal-liġi bejn l-Istati Membri)	L-Interpol, kanali bilaterali eżistenti It-Tieni Protokoll Addizzjonali għall-Konvenzjoni Ewropea dwar l-Assistenza Reċiproka fi Kwistjonijiet Kriminali mill-2001 (ETS 182) Il-Konvenzjoni tan-NU ta' Palermo (il-kriminalità organizzata transnazzjonali) tiżgura livell minimu ta' approssimazzjoni

[16] Ir-riżervi kollha identifikati għandhom jintużaw b'rispett sħiħ tar-regoli applikabbli tal-UE dwar il-protezzjoni tad-*data*.

[17] Ir-Regolament (KE) Nru 1987/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal- 20 ta' Diċembru 2006 dwar l-istabbiliment, it-tħaddim u l-użu tas-sistema ta' informazzjoni ta' Schengen tat-tieni ġenerazzjoni (SIS II), ĠU L 381, 28.12.2006, p. 4; Ir-Regolament (KE) Nru 1986/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Diċembru 2006 dwar l-aċċess għas-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen tat-Tieni Ġenerazzjoni (SIS II) mis-servizzi fl-Istati Membri responsabbli għall-ħruġ ta' ċertifikati ta' reġistrazzjoni tal-vetturi, ĠU L 381, 28.12.2006, p. 1; Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2007/533/ĠAI tat-12 ta' Ġunju 2007 dwar it-twaqqif, l-operat u l-użu tas-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen tat-tieni ġenerazzjoni (SIS II) ĠU L 205, 7.8.2007, p. 63;

[18] Ir-Regolament (UE) 2016/794 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Mejju 2016 dwar l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Kooperazzjoni fl-Infurzar tal-Liġi (Europol) u li jissostitwixxi u jħassar id-Deċiżjonijiet tal-Kunsill 2009/371/ĠAI, 2009/934/ĠAI, 2009/935/ĠAI, 2009/936/ĠAI u 2009/968/ĠAI, ĠU L 135, 24.5.2016, p. 53.

[19] Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2008/615/ĠAI tat-23 ta' Ġunju 2008 dwar it-titjib tal-kooperazzjoni transkonfinali, b'mod partikolari fil-ġlieda kontra t-terroriżmu u l-kriminalità transkonfinali, ĠU L 210, 6.8.2008, p. 1-11; Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2008/616/ĠAI tat-23 ta' Ġunju 2008 dwar l-implimentazzjoni tad-Deċiżjoni 2008/615/ĠAI dwar it-titjib tal-koperazzjoni transkonfinali, b'mod partikolari fil-ġlieda kontra t-terroriżmu u l-kriminalità transkonfinali, ĠU L 210, 6.8.2008, p. 12.

[20] Id-Deċiżjoni Kwadru tal-Kunsill 2006/960/ĠAI tat-18 ta' Diċembru 2006 dwar is-simplifikazzjoni tal-iskambju ta' informazzjoni u intelligence bejn l-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi tal-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea, ĠU L 386, 29.12.2006, p. 89.

FIU.Net (Unitajiet ta' Intelliġenza Finanzjarja)	Task Force ta' Azzjoni Finanzjarja (internazzjonali), Konvenzjoni ta' Varsavja tal-Kunsill tal-Ewropa, EGMONT web sigur
L-ARO (Uffiċċji għall-Irkupru tal-Assi)[21]	Netwerk Inter-Aġenzija ta' Irkupru ta' Camden (CARIN), kanali bilaterali
Sistema Ewropea għall-Arkivjar tal-Immaġini (FADO)[22]	Bażi ta' *data* tal-Interpol ta' Dokumenti Misruqin u Mitlufin
Kooperazzjoni dwar Diżordni fil-Futbol[23]	Il-Konvenzjoni tal-Kunsill tal-Ewropa (CoE) tal-2016 dwar Approċċ Integrat tas-Sikurezza, is-Sigurtà u s-Servizz fil-Logħob tal-Futbol u Avvenimenti Sportivi Oħra (CETS 218)[24]
Timijiet Konġunti ta' Investigazzjoni (JITs)[25] - Assistenza Reċiproka f'Materji Kriminali bejn l-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea[26]	It-Tieni Protokoll Addizzjonali għall-Konvenzjoni Ewropea dwar l-Assistenza Reċiproka fi Kwistjonijiet Kriminali mill-2001 (ETS 182)
L-Azzjoni Konġunta dwar il-Kriminalità Organizzata[27]	Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti kontra l-Kriminalità Organizzata Transnazzjonali
EURODAC[28]	Xejn meħtieġ; Ir-Renju Unit mhux se jibqa' jipparteċipa fir-Regolament ta' Dublin (UE) Nru 604/2013

21 Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2007/845/ĠAI tas-6 ta' Diċembru 2007 dwar il-kooperazzjoni bejn l-Uffiċċji għall-Irkupru tal-Assi tal-Istati Membri fil-qasam tar-rintraċċar u l-identifikazzjoni ta' rikavati mill-kriminalità, jew proprjetà oħra relatata magħha, ĠU L 332, 18.12.2007, p. 103.

22 L-Azzjoni konġunta 98/700/ĠAI tat-3 ta' Diċembru 1998 adottata mill-Kunsill fuq il-bażi tal-Artikolu K.3 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea li tikkonċerna l-istabbiliment ta' Sistema Ewropea ta' Arkivjar ta' Immaġini (FADO), ĠU L 333, 9.12.1998, p. 4.

23 Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2002/348/ĠAI tal-25 ta' April 2002 dwar sigurtà b'konnessjoni ma' logħbiet tal-futbol b'dimensjoni internazzjonali, ĠU L 121, 8.5.2002, p. 1.

24 AT, BE, BG, HR, CY, CZ, DK, EE, FI, DE, EL, HU, IE, IT, LV, LT, LU, NL, RO, SK, SI, ES u SE ma rratifikawx. Ir-Renju Unit ma rratifikax.

25 Ir-Riżoluzzjoni tal-Kunsill tas-26 ta' Frar 2010 dwar Mudell ta' Ftehim għall-Istabbiliment ta' Skwadra ta' Investigazzjoni Konġunta (SIK), ĠU C 18, 19.1.2017, p. 1.

26 Il-Konvenzjoni, stabbilita mill-Kunsill skont l-Artikolu 34 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, dwar Assistenza Reċiproka f'Materji Kriminali bejn l-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea - Dikjarazzjoni tal-Kunsill dwar l-Artikolu 10(9) - Dikjarazzjoni mir-Renju Unit dwar l-Artikolu 20, ĠU C 197, 12.7.2000, p. 3-23; L-Att tal-Kunsill tad-29 ta' Mejju 2000 li jistabilixxi skont l-Artikolu 34 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea l-Konvenzjoni dwar l-Assistenza Reċiproka f'Materji Kriminali bejn l-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea ĠU C 197, 12.7.2000, p. 1.

27 L-Azzjoni Konġunta 97/827/ĠAI tal-5 ta' Diċembru 1997 adottata mill-Kunsill fuq il-bażi tal-Artikolu K.3 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, li tistabbilixxi mekkaniżmu sabiex jevalwa l-applikazzjoni u jimplimenta fuq livell nazzjonali l-impriżi fil-ġlieda kontra l-kriminalità organizzata, ĠU L 344, 15.12.1997, p. 7.

Id-Direttiva dwar il-Kriminalità Ċibernetika[29]	Il-Konvenzjoni tal-CoE tal-2001 dwar iċ-Ċiberkriminalità (ETS 185)[30] bil-Protokoll Addizzjonali tal-2003 dwar il-kriminalizzazzjoni ta' atti ta' natura razzista u ksenofobika mwettqa permezz ta' sistemi tal-kompjuter (ETS 189)[31]
Il-ġlieda kontra l-abbuż sesswali u l-isfruttament sesswali tat-tfal u l-pornografija tat-tfal[32] Il-ġlieda kontra l-pedopornografija fuq l-internet[33]	Il-Konvenzjoni tal-CoE tal-2007 dwar il-Protezzjoni tat-Tfal kontra l-Isfruttament Sesswali u l-Abbuż Sesswali (CETS 201)[34]
Il-prevenzjoni u l-ġlieda kontra t-traffikar tal-bnedmin[35]	Il-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti kontra l-Kriminalità Organizzata Transnazzjonali u l-Protokoll għall-Prevenzjoni, it-Trażżin u l-Kastig tat-Traffikar tal-Persuni, speċjalment in-Nisa u t-Tfal; Il-Konvenzjoni tal-CoE tal-2005 dwar il-Ġlieda kontra t-Traffikar tal-Bnedmin (CETS 197)[36]

[28] Ir-Regolament (UE) Nru 603/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2013 dwar l-istabbiliment tal-"Eurodac" għat-tqabbil ta' marki tas-swaba' għall-applikazzjoni effettiva tar-Regolament (UE) Nru 604/2013 li jistabbilixxi l-kriterji u l-mekkaniżmi biex ikun iddeterminat l-Istat Membru responsabbli biex jeżamina applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali ppreżentata f'wieħed mill-Istati Membri minn ċittadin ta' pajjiż terz jew persuna apolida u dwar talbiet għat-tqabbil ma' data tal-Eurodac mill-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi tal-Istati Membri u mill-Europol għall-finijiet ta' infurzar tal-liġi, u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 1077/2011 li jistabbilixxi Aġenzija Ewropea għat-Tmexxija Operattiva tas-Sistemi tal-IT Fuq Skala Kbira fl-Ispazju ta' Libertà, Sigurtà u Ġustizzja, ĠU L 180, 29.6.2013, p. 1.

[29] Id-Direttiva 2013/40/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Awwissu 2013 dwar attakki kontra s-sistemi tal-informazzjoni u li tissostitwixxi d-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2005/222/ĠAI, ĠU L 218, 14.8.2013, p. 8.

[30] IE u SE ma rratifikawx.

[31] AT, BE, BG, EE, HU, IE, IT, MT u SE ma rratifikawx. Ir-Renju Unit ma rratifikax.

[32] Id-Direttiva 2011/93/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Diċembru 2011 dwar il-ġlieda kontra l-abbuż sesswali u l-isfruttament sesswali tat-tfal u l-pedopornografija, u li tissostitwixxi d-Deċiżjoni Kwadru tal-Kunsill 2004/68/ĠAI, ĠU L 335, 17.12.2011, p. 1.

[33] Id-Deċiżjoni tal-Kunsill tad-29 ta' Mejju 2000 sabiex tkun miġġielda l-pedopornografija fuq l-Internet, ĠU L 138, 9.6.2000, p. 1.

[34] L-IE ma rratifikatx.

[35] Id-Direttiva 2011/36/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' April 2011 dwar il-prevenzjoni u l-ġlieda kontra t-traffikar tal-bnedmin u l-protezzjoni tal-vittmi tiegħu, u li tissostitwixxi d-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2002/629/ĠAI, ĠU L 101, 15.4.2011, p. 1.

[36] Ratifikata mill-Istati Membri kollha.

Mandat ta' Arrest Ewropew[37]	Il-Konvenzjoni tal-CoE tal-1957 dwar l-Estradizzjoni (ETS 24)[38] L-Ewwel Protokoll Addizzjonali tal-1975 (ETS 86)[39] It-Tieni Protokoll Addizzjonali tal-1983 għall-Konvenzjoni Ewropea dwar l-Estradizzjoni (ETS 98)[40] It-Tielet Protokoll Addizzjonali tal-2010 għall-Konvenzjoni Ewropea dwar l-Estradizzjoni (CETS 209)[41] Ir-Raba' Protokoll Addizzjonali tal-2012 għall-Konvenzjoni Ewropea dwar l-Estradizzjoni (CETS 212)[42]
L-Ordni ta' Investigazzjoni Ewropea[43]	Il-Konvenzjoni tal-CoE tal-1959 dwar l-Assistenza Reċiproka f'Materji Kriminali (ETS 30)[44] Il-Protokoll Addizzjonali tal-1978 għall-Konvenzjoni Ewropea dwar l-Assistenza Reċiproka fi Kwistjonijiet Kriminali (ETS 99)[45] It-Tieni Protokoll addizzjonali tal-2001 għall-Konvenzjoni Ewropea dwar l-Assistenza Reċiproka f'Materji Kriminali (ETS 182)[46] Il-Konvenzjoni tal-CoE dwar iċ-Ċiberkriminalità (ETS 185)[47]

37 Id-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2002/584/ĠAI tat-13 ta' Ġunju 2002 dwar il-mandat ta' arrest Ewropew u l-proċeduri ta' ċediment bejn l-Istati Membri - Dikjarazzjonijiet magħmula minn ċerti Stati Membri dwar l-adozzjoni tad-Deċiżjoni Kwadru, ĠU L 190, 18.7.2002, p. 1.

38 Ratifikata mill-Istati Membri kollha u mir-Renju Unit.

39 Mhux ratifikat la mir-Renju Unit u lanqas minn AT, FI, FR, DE, EL, IE u IT.

40 Mhux ratifikat minn FR, EL, IE u LU.

41 Mhux ratifikat minn BE, BG, CZ, HR, EE, EL, IE, FI, FR, HU, IT, LU, MT, PL, PT, SE u SK.

42 Ratifikat biss mir-Renju Unit, u LV, AT u SI.

43 Id-Direttiva 2014/41/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-3 ta' April 2014 dwar l-Ordni ta' Investigazzjoni Ewropew f'materji kriminali ĠU L 130, 1.5.2014, p. 1.

44 Ratifikata mill-Istati Membri kollha u mir-Renju Unit.

45 Ratifikata mill-Istati Membri kollha u mir-Renju Unit.

46 Mhux ratifikat minn EL, IT u LU.

47 Mhux ratifikata minn IE u SE.

L-Ordnijiet Ewropej ta' Iffriżar u Konfiska[48]	Il-Konvenzjoni tal-CoE tal-1990 dwar il-Ħasil, it-tiftix, is-sekwestru u l-konfiska tar-rikavat mill-kriminalità (ETS 141)[49] Il-Konvenzjoni tal-CoE tal-2005 dwar il-Ħasil, it-Tiftix, is-Sekwestru u l-Konfiska tar-Rikavat mill-Kriminalità u dwar il-Finanzjament tat-Terroriżmu (CETS 198)[50]
Trasferiment ta' Priġunieri[51]	Il-Konvenzjoni tal-CoE tal-1983 dwar it-trasferiment ta' persuni kkundannati (ETS 112)[52] Il-Protokoll Addizzjonali tal-1997 għall-Konvenzjoni dwar it-Trasferiment ta' Persuni Sentenzjati (ETS 167)[53] Il-Protokoll tal-2017 li jemenda l-Protokoll Addizzjonali għall-Konvenzjoni dwar it-Trasferiment ta' Persuni Sentenzjati (CETS 222)[54]
Is-Sistema Ewropea ta' Informazzjoni ta' Rekords Kriminali (ECRIS)[55]	L-Artikolu 13 tal-Konvenzjoni tal-CoE tal-1959 dwar l-Assistenza Reċiproka f'Materji Kriminali
Ir-Rikonoxximent Reċiproku tal-Pieni Finanzjarji[56]	Il-Konvenzjoni tal-CoE tal-1970 dwar il-Validità Internazzjonali tas-Sentenzi Kriminali (ETS 70)[57]

[48] Id-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2006/783/ĠAI tas-6 ta' Ottubru 2006 dwar l-applikazzjoni tal-prinċipju ta' rikonoxximent reċiproku għal ordnijiet ta' konfiska ĠU L 328, 24.11.2006, p. 59–78; Id-Deċiżjoni Kwadru tal-Kunsill 2003/577/JHA tat-22 ta' Lulju 2003 dwar it-twettiq fl-Unjoni Ewropea tal-mandati li jiffriżaw xi proprjetà jew xi evidenza, ĠU L 196, 2.8.2003, p. 45-55.

[49] L-Istati Membri kollha u r-Renju Unit irratifikaw.

[50] Mhux ratifikata minn AT, CZ, EE, FI, IE, LT u LU.

[51] Id-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2008/909/ĠAI tas- 27 ta' Novembru 2008 dwar l-applikazzjoni tal-prinċipju ta' rikonoxximent reċiproku ta' sentenzi f'materji kriminali li jimponu pieni ta' kustodja jew miżuri li jinvolvu ċ-ċaħda tal-libertà bil-għan li jiġu infurzati fl-Unjoni Ewropea, ĠU L 327, 5.12.2008, p. 27.

[52] L-Istati Membri kollha u r-Renju Unit irratifikaw.

[53] Mhux ratifikat minn IT, PT u SK.

[54] Mhux ratifikat mill-ebda Stat Membru jew ir-Renju Unit.

[55] Id-Deċiżjoni Kwadru tal-Kunsill 2008/675/ĠAI tal-24 ta' Lulju 2008 dwar it-teħid inkonsiderazzjoni ta' kundanni fl-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea waqt proċedimenti kriminali ġodda, ĠU L 220, 15.8.2008, p. 32.

[56] Id-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2005/214/ĠAI tal-24 ta' Frar 2005 dwar l-applikazzjoni tal-prinċipju ta' rikonoxximent reċiproku ta' penali finanzjarji, ĠU L 76, 22.3.2005, p. 16.

[57] Mhux ratifikat la mir-Renju Unit u lanqas minn HR, CZ, FI, FR, DE, EL, HU, IE, IT, LU, MT, PL, PT u SK.